# KUNSILL LOKALI MTARFA

## IS-SITT LEĠIŻLATURA
## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL
## LAQGĦA NUMRU 22 – IL-ĦAMIS 26 TA' ĠUNJU 2014

Il-Kunsill iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill Lokali Mtarfa fit-7:45pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Daniel John Attard | Sindku |
| | Antoine Vella | Viċi Sindku (wasal fit-8:35pm) |
| | Simon Paul Fenech | Kunsillier |
| | Anthony Mifsud | Kunsillier |
| | Josette Micallef | Segretarju Eżekuttiv |
| | Twanny Bugeja | Kunsillier |
| | Matthew Seychell | Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ |

Kien hemm persuna waħda tattendi.

### 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI NRU. 21

1.1 Il-minuti ntbagħtu minn qabel u għaldaqstant kienu meqjusa moqrija. Ma kien hemm ebda emenda xi ssir u għaldaqstant il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

### 2. PUNTI MILL-MINUTI

2.1 Is-SE għamlet riferenza għal para. 1.1 fejn infurmat li l-BOQ kien ġie approvat mill-MAGF u għaldaqstant kien inħareġ l-avviż għat-tender tal-Bosk. Dan kien għalaq nhar it-Tnejn 23 ta' Ġunju u kienu attendew għall-ftuħ is-Sindku u l-Viċi Sindku. Hija infurmat li kien waddab l-offerta kuntrattur wieħed biss u li l-ammont kien ta' €300,000 aktar mill-baġit tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li din l-offerta ma tistax tiġi aċċettata u għaldaqstant kien hemm qbil li s-SE għandha tavża lill-kuntrattur b'dan u terġa' toħroġ l-avviż. Kien hemm qbil ukoll li għandha tiltaqa' mal-Periti u mal-MAGF sabiex jiġi vverifikat jekk il-prezzijiet tal-kuntrattur kienux *over-inflated*.

2.2 Is-SE infurmat li dwar para. 4.3, is-SE infurmat li kienet għadha qed tirċievi risposti lura mingħand Enemalta u TM dwar il-proċess involut biex issir id-*detection* għall-*cable* tal-Enemalta.

2.3 Is-SE infurmat li kienet għamlet *enquiries* mal-perit tal-kunsill kif ukoll ma' TM dwar il-kwistjoni tal-parkeġġ fi Pjazza Palma u l-madwar. Kienet tkellmet ukoll ma' Koptasin u dawn kienu infurmawha li setgħu jagħmlu *traffic management plan* għal din il-pjazzetta.

2.4 Is-SE infurmat li kienu tneħħew il-biċċiet tal-i*sleeping policeman* ta' Triq l-Imtarfa minħabba l-periklu u żdiedu ħdejn l-Iskola Sekondarja kif deċiż mill-Kunsill.

Sadanittant kienu qed jinġabu kwotazzjonijiet sabiex titpoġġa *sleeping policeman* ġdida minflokha.

2.5 Is-SE infurmat li kienet intbagħtet il-korrispondenza dwar l-isqaq li jagħti bejn Triq Sir Philip Pullicino u Triq il-Konti Manduca.

2.6 Is-SE infurmat li l-kuntrattur tal-iskart kien infurmaha li kien hemm skip waħda żejda meta mqabbla mal-lista li nħarġet fuq it-*tender* oriġinarjament. Għaldaqstant huwa kien qed jitlob li jitħallas €3 għaliha mill-bidu nett tal-kuntratt. Kien hemm qbil li s-SE għandha tipprova tinnegozja miegħu sabiex ma jsirx dan il-ħlas żejjed. Issemmiet ukoll il-kwistjoni dwar waħda mill-iskips li kienet tneħħiet mit-triq u tpoġġiet f'parti privata minn fejn joperaw l-Imtarfa Drama Group. Kien hemm qbil li l-kuntrattur għandu jintalab ipoġġi din l-iskip fit-triq minħabba li din hija għall-użu tar-residenti.

2.7 Is-SE infurmat li fir-rigward ta' para. 9.1, kienet iltaqgħet mal-Perit Casha u l-kuntrattur Barbros dwar il-pavimentar tal-bandli. Kien hemm qbil li minħabba li l-pavimentar ma kienx sar għas-sodisfazzjon tal-Kunsill dan għandu jinbidel kollu biex jiġi jaqbel mal-partijiet l-iskuri li ġew irranġati aktar tard mill-istess kuntrattur.

2.8 Dwar para. 12.4, is-SE infurmat li kienet bagħtet korrispondenza lid-Dipartiment tal-Agrikolura u lill-MEPA dwar iż-żbir tas-siġar minħabba li huma protetti.

2.9 Dwar para. 12.7, is-SE infurmat li l-Kunsill kien irċieva l-applikazzjoni tad-dawl ta' Triq is-27 ta' April lura mingħand l-Enemalta. Kien hemm qbil li għandu jsir ix-xogħol neċessarju fuq il-*floodlights* u l-*electrician* tal-Kunsill jintalab jagħmel talba lill-Enemalta sabiex dawn il-bozoz jiżdiedu mas-sistema tad-dawl tat-toroq. Is-SE infurmat ukoll li kienet irċeviet korrispondenza lura mingħand l-Enemalta minħabba li m'aċċettawx it-talba tal-Kunsill għall-*floodlights* ta' Binja Msieraħ. Hija infurmat li kienet għadha għaddejja bil-korrispondenza ma' Enemalta dwar dan il-każ.

2.10 Il-Kunsillier Fenech staqsa lis-SE jekk intbagħtitx l-ittra lir-resident ta' Triq l-Imtarfa li kellu pjanta fuq il-bankina. Is-SE infurmat li kienet intbagħtet u dan kien bagħat talba lill-Kunsill biex jitħalla jżomm il-pjanta minħabba li l-vetturi għandhom ħabta jipparkjaw fuq il-bankina u jagħlquhom fir-residenza tagħhom stess. Kien hemm qbil li għalissa din il-pjanta għandha titħalla fil-post sabiex ma jinħoloqx inkonvenjent żejjed lil dawn ir-residenti u sadanittant il-Kunsill kellu jipprova jagħmel pressjoni biex minflok titressaq il-*bus stop/shelter* minn postha biex titnaqqas il-problema tal-parkeġġ. Il-Kunsillier Fenech ma qabilx ma' din id-deċiżjoni.

## 3. KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3.1 Is-Sindku preżenta kopja ta' pjanta li tirrapreżenta kif qed jiġi ssuġġerit li tinbidel il-pjazza tal-Imtarfa. Kopja ta' din il-pjanta qed tiġi mehmuża. L-idea tal-Kunsill hija li dan il-proġett isir 'il quddiem minn xi fondi tal-UE. Kien hemm qbil fuq il-kunċett u għaldaqstant se ssir laqgħa mal-Kurja minħabba li parti mill-proġett tinvolvi t-tisbiħ ta' art li hija tal-Knisja.

3.2 Hawnhekk skuża ruħu l-Kunsillier Bugeja minħabba li ma kienx jiflaħ. Il-ħin kien id-9:15pm.

3.3 Is-Sindku informa li bħalma maqbul mill-Kunsill kienet se tiġi organizzata ħarġa għal Kemmuna. Il-ħlas tat-trasport minn u lejn Buġibba kien se jiġi assorbit mill-Kunsill Lokali.

3.4 Is-Sindku fakkar lis-SE sabiex qabel ma tibda x-xitwa possibbilment tinstab soluzzjoni dwar il-ħżież li jkun hemm fuq il-passaġġi tal-konkos.

3.5 Is-Sindku fakkar lis-SE sabiex tagħti priorità lix-xogħol li għandu jsir fi Triq is-27 ta' April u fuq l-isprall tax-xita għal Triq Sir Leslie Rundle.

## 4. ĦLASIJIET U PAGAMENTI

4.1 Il-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuża, ġiet approvata u ffirmata.

4.2 Is-SE preżentat rapport tad-dħulijiet għax-xahar ta' Mejju 2014.

## 5. OFFERTA TAL-MANUTENZJONI TAD-DAWL TAT-TOROQ (REĠJUN TRAMUNTANA)

5.1 Is-SE infurmat li kienet attendiet għal żewġ laqgħat dwar il-possibbiltà li tinħareġ offerta mir-reġjun sabiex tkopri l-lokalitajiet kollha taħtu f'dak li jirrigwardja manutenzjoni ta' dawl tat-toroq. Il-Kunsillier Mifsud ta xi informazzjoni oħra dwar kif inhu l-ħsieb li jitmexxa dan il-kuntratt.

5.2 Il-Kunsill approva din l-offerta fil-prinċipju tagħha. Is-SE infurmat li hekk kif ikollha aktar informazzjoni kienet se tieħu ħsieb tibgħatha għall-informazzjoni ta' kulħadd.

## 6. MEMO 17/2014 – *STREAMING* TAL-LAQGĦAT *ONLINE* U SKEMA TA' GĦAJNUNA FINANZJARJA GĦAS-SERVIZZ TAL-INTERNET

6.1 Is-SE infurmat li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali kienu qed joffru l-possibbiltà lill-Kunsilli sabiex japplikaw għal skema sabiex jitħallas massimu ta' €300 fis-sena għal servizz ta' internet b'saħħtu biex ikun jista' jakkomoda l-*istreaming* tal-laqgħat. Il-Kunsill qabel li għandu japplika għal din l-iskema.

## 7. *TENDER MTFLC/T/01/2014 – CLEANING AND MAINTENANCE OF PARKS AND GARDENS*

7.1 Is-SE infurmat li kienu nfetħu l-offerti li ntefgħu fir-rigward tal-offerta tas-*soft areas*. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jiltaqa' mal-offerenti kollha nhar it-Tnejn 14 ta' Lulju. Għandha ssir laqgħa għall-Kunsilliera kollha qabel din id-data sabiex jiġu skrutinati l-offerti qabel ma jsiru l-intervisti.

## 8. *TENDER MTFLC/T/02/2014 – SERVICE OF THE COLLECTION OF BULKY REFUSE*

8.1 Is-SE infurmat li kienu nfetħu l-offerti ts-servizz tal-iskart goff. L-iktar offerta baxxa kienet tas-Sur Lino Micallef. Il-Kunsill qabel li għandu jiltaqa' miegħu biex jikkonferma li huwa kompletament konformi mal-offerta qabel jiddeċiedi.

## 9. *TENDER MTFLC/T/03/2014 – WORKS TENDER FOR THE EMBELLISHMENT OF GARDEN*

9.1 Is-SE infurmat li fir-rigward tat-tender tal-bosk, kienet intefgħet biss offerta waħda għalkemm inxtara minn 3 kuntratturi. Dan il-kuntrattur instab li tefa' l-offerta finali għal madwar €300,000 'il fuq mill-baġit li għandu l-Kunsill. Kien hemm qbil li s-SE għandha tinforma lill-MAGF u timxi skont id-direzzjoni li jagħtuha. Il-Kunsill qabel li kemm-il darba jkun hemm bżonn din l-offerta għandha terġa' tinħareġ.

## 10. *DEFAULT NOTICES* – KUNTRATT TAT-TINDIF TAL-LATRINI U KUNTRATT TAL-KNIS

10.1 Il-Viċi Sindku wera numru ta' ritratti tal-latrini pubbliċi fejn juru li dawn kienu maħmuġa sewwa. Barraminnhekk, huwa fakkar li mhux l-ewwel darba li sab il-latrini

magħluqa s-sibt waranofsinhar u għaldaqstant propona li tinħareġ *default notice*. Il-Kunsill qabel li tinħareġ default notice fuq il-kuntratt tal-latrini.

10.2 Fuq proposta tal-Vici Sindku, kien hemm qbil ukoll li tinħareġ *default notice* oħra fuq il-kuntratt tal-knis wara li dan kien wiegħed li jaqta' l-ħaxix ta' Triq San Oswald sas-17 ta' Ġunju iżda sal-ġurnata kien għadu ma nqatax. Minbarra dan, huwa kien wiegħed ukoll li se jaqta' l-ħaxix kollu tal-lokalità fi żmien ġimgħatejn u li għandu jkun lest sat-tielet ġimgħa ta' Ġunju u reġa' ma żammx kellmtu.

10.3 Wara diskussjoni kien hemm qbil ukoll li s-SE għandha tivverifika eżatt kif u jekk jistax jitwaqqaf dan il-kuntratt. Hawnhekk is-SE ġibdet l-attenzjoni li l-kuntratt jgħid li l-Kunsill għandu dritta li javża lill-kuntrattur li kien se jnaddaf il-lokalità permezz ta' kuntrattur ieħor u jaqta' l-ispejjeż mill-kuntratt tiegħu. Min-naħa l-oħra iżda l-Kunsill ma qabilx li għandu jagħmel dan u talab li s-SE tmexxi bid-*default notice* u ġġib il-parir tal-avukat għat-twaqqif definit tal-kuntratt.

10.4 Hawnhekk inġibdet l-attenzjoni tas-SE wkoll sabiex tavża lil GreenMT li l-iskip tal-metall ta' Triq Dar il-Kaptan kienet mimlija.

## 11. PUNTI OĦRA

11.1 Il-Viċi Sindku talab li titniżżel nota fuq il-minuti li huwa ma kienx jaqbel mad-deċiżjoni tas-SE li talterna żewġ skrivani għall-ftuħ tal-uffiċċju kull nhar ta' Sibt filgħodu minħabba li l-kompjuter ta' wieħed mill-iskrivani mhux daqstant adegwat. Hawnhekk is-Sindku u l-Kunsillier Fenech qablu mal-kumment tal-Viċi Sindku. Is-SE infurmat li l-Memo mid-Dipartiment tispeċifika li s-SE huwa fl-obbligu li kull sena jirrevedi min jixtieq jidħol xogħol kull nhar ta' Sibt u dawn iż-żewġ skrivani wrew ix-xewqa tagħhom li jaħdmu *overtime*. Minbarra f'hekk hija kienet ħadet id-deċiżjoni wkoll minħabba li finanzjarjament il-Kunsill ikun qed jiggwadanja minħabba li hemm differenza konsiderevoli fir-rata tal-*overtime* bejn skrivan u ieħor b'mod speċjali meta wieħed jikkunsidra li l-medja tal-persuni li jmorru l-Kunsill kull nhar ta' Sibt hija ta' verament minima (madwar żewġ persuni).

11.2 Fuq suġġeriment tal-Viċi Sindku kien hemm qbil li tinxtara uniformi lit-tliet ħaddiema tal-uffiċċju.

## 12. AĠĠORNAMENT

13.1 Il-laqgħa spiċċat fl-10:30pm. Il-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar il-Ħamis 31 ta' Lulju fis-7:30pm.

**Josette Micallef**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Daniel John Attard**
**Sindku**